**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Lulju 2016**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. Nru. 1229/09 JZM**

**Giampaolo Lonzar,**

***u***

**l-Avukat Paul Pullicino bhala prokuratur specjali ta` Hasan Akincioglu ta` Antalya, Turkija, in rappresentanza ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T), u b`digriet tat-12 ta` Mejju 2010 gew imhassra l-kliem "in rapprezentanza ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T)"**

***kontra***

**MLS – Multinational Logistic Services Limited (C34635)**

***u***

**Asset Security Nominee Co. Ltd (C11706),**

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Mejju 2010 giet kjamata fil-kawza l-kumpannija Alpha 22 Limited OS/1330/T)**

**Il-Qorti :**

Rat **ir-rikors guramentat** prezentat fis-16 ta` Dicembru 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi z-zewg rikorrenti ghandhom bejniethom tmintax fil-mija (18%) tal-ishma ta` Alpha 22 Limited, li originarjament kienet maghrufa bl-isem MLS-Multinational Logistic Services Limited, liema ishma kienu registrati f`sem l-intimata Asset Security Nominee Co. Ltd. bhala nominee u fiducjarja taghhom, li kienet ukoll l-Company Secretary tal-istess Alpha 22 Ltd (gia` MLS-Multinational Logistic Services Limited) sakemm dina giet xolta b`operazzjoni tal-ligi fid-9 ta` Ottubru 2003, meta l-istess Asset Security Nominee Co. Ltd. (minn issa "ASN") bl-istess operazzjoni tal-ligi giet appuntata bhala likwidatrici tal-istess Alpha 22 Ltd (minn issa "MLS1") ;*

*2. Illi qabel ma giet xolta fid-9 ta` Ottubru 2003, MLS1 kienet akkwistat ghaxra fil-mija tas-socjeta` Viset Malta plc tramite l-pussess ta` "bearer shares" fis-socjeta` estera MLS Group Ltd socjeta` tal-British Virgin Islands. Illi MLS Group Ltd u AVMT Trustees Ltd flimkien ghandhom l-ishma kollha ta` Perquisite Holdings Ltd (C26333) u l-istess Perquisite Holdings Ltd ghandha registrata f`simha 811,000 ishma ta` Euro kull wiehed fis-socjeta` Viset Malta plc ;*

*3. Illi MLS1, barra l-kumpanniji fuq imsemmija, kellha wkoll cash assets sostanzjali ;*

*4. Illi wara d-data tax-xoljiment fid-9 ta` Ottubru 2003 saret skrittura privata datata 31 ta` Dicembru 2004, u dan bil-konoxxenza*

*personali tal-istess likwidatrici ta` MLS1, fejn l-assi kollha stralcjarji ta` MLS1 gew trasferiti lill-kumpannija intimata gdida "MLS – Multinational Logistic Services Limited" (C34635) [minn issa "MLS2"] ;*

*5. Illi MLS2 giet registrata fit-22 ta` Settembru 2004 l-ewwel bl-isem ta` MLS Limited, liema isem sar imbaghad MLS – Multinational Logistic Services Limited f`April tas-sena 2005 ;*

*6. Illi r-rikorrenti saru jafu minn sorsi ohrajn bix-xoljiment tal-MLS1 fil-perijodu ta` bejn Dicembru 2004 u Jannar 2005 ;*

*7. Illi fid-29 ta` Marzu 2005, l-istess ASN, permezz tad-direttur taghha, Dottor Anton Micallef, baghtet ittra lir-rikorrenti fejn allegat l-esistenza ta` kuntratt li kien sar bejn MLS1 u MLS2 li gie deskritt minnu bhala Transfer of Business Agreement datat 31 ta` Dicembru 2004 ;*

*8. Illi r-rikorrenti nghataw kopja ta` dan l-imsejjah Transfer of Business Agreement f`Mejju 2008. Din il-kopja kienet fotostatika. Kienet l-ewwel darba li nghatat lilhom ;*

*9. Illi fl-4 ta` Awissu 2009, Frank Rafaraci, CEO tal-MLS2, taht gurament ikkonferma f`Malta illi MLS2 hija l-propjetarja tax-shares li kellha MLS1 fil-Viset Malta plc u li MLS2 kienet akkwistat l-assi kollha tal-MSL1 bis-sahha ta` dan it-Transfer of Business Agreement u ammetta wkoll illi dan sar minghajr ebda konsiderazzjoni, u minghajr ebda attentat illi tithallas xi konsiderazzjoni ;*

*10. Illi t-Transfer of Business Agreement bejn MLS1 lill-MLS2 huwa null skond l-Artikolu 1353(2) tal-Kodici Civili, barra li ntuzat sabiex MLS2 takkwista b`xejn assi stralcjarji tal-istess MLS1 u b`detriment tal-istess ;*

*11. Illi ASN sal-lum ma sejhet ebda laqgha tal-istralc jew svelat informazzjoni dwar l-istralc avolja ghaddew izjed minn hames snin mindu giet appuntata likwidatrici u rrifjutat illi taghti informazzjoni lil hadd lanqas lir-rikorrenti ;*

*12. Illi minn Dicembru 2004 sal-lum tramite l-likwidatrici taghha ma ghamlet xejn hlief tassisti lil MLS2 illi zzomm dawn l-assi stralcjarji minghajr titolu u indebitament jew tasal fi ftehim oneruz u genwin mal-MLS2, u dan bi ksur tal-obbligi fiducjarji tal-istess ASN, avolja li ASN giet mitluba kemm–il darba illi tiehu azzjoni skond l-obbligi fiducjarji taghha bhala agent tal-istess MLS1 ;*

*13. Illi r-rikorrenti konfrontati b`dawn ic-cirkostanzi fejn ASN bhala likwidatrici tal-MLS1 mhijiex qeghda taghmel xejn fl-interess tal-istess MSL1 izda qeghda tagevola u tassisti lil MSL2 illi tibqa` tippossjedi bla titolu validu u minghajr konsiderazzjoni dawn l-assi stralcjarji, qeghdin igibu din l-azzjoni derivativa bhala azzjonisti fil-minorita` f`sem u fl-interess tal-MSL1*

*Illi d-direttur tal-ASN Dr. Anton Micallef kienu huwa maqbud f`konflitt ta` interess, peress illi aagixxa u qieghed jagixxi wkoll bhala avukat u konsulent tal-MSL2 li ghandha l-ufficcju fl-istess ufficcju legali tal-istess Dr. Anton Micallef ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu dina l-Onorabbli Qorti previa kull provvediment opportun u ghar-ragunijiet premessi –*

*a) tiddikjara li skond l-artikolu 1353(2) u artikoli ohrajn tal-Kodici Civili l-allegat "Transfer of Business Agreement" datat 31 ta` Dicembru 2004 u t-trasferiment tal-assi stralcjarji ta` MLS1 li sar allegatament fl-ahhar tas-sena 2004 bhala att ta` trasferiment null u bla effett skond il-ligi, u allura tiddikjara illi dawn l-assi stralcjarji kollha ghadhom jappartjenu lill-assi stralcjarji tal-MLS1 ;*

*b) sussegwenti ghat-talba precedenti, tikkundanna lill-MLS2 sabiex trodd lura dawk l-assi stralcjarji tal-MLS1, kif jigu stabbiliti waqt is-smigh tal-kawza.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni presentat ma` dan ir-rikors, u b`riserva ghal kull azzjoni ohra kontra l-intimati.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat **<u>ir-risposta guramentata </u>**tal-konvenuti li kienet prezentata fil-<u>25 ta` Jannar 2010</u> li taqra hekk –

*1. Ir-rikorrent Akincioglu noe m`ghandux locus standi sabiex jintavola din il-kawza u m`ghandux ir-rappresentanza legali ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ("Alpha"). Akincioglu m`ghandu ebda kapacita` legali sabiex jintavola proceduri gudizzjarji ghan-nom ta` Alpha stante li r-rappresentanza legali ta` dik is-socjeta` giet vestita fis-socjeta` konvenuta Asset Security Nominee Co Ltd ("Asset") li giet mahtura stracjarju ta` Alpha permezz ta` rizoluzzjoni unanima li ttiehdet f`laqgha generali ta` l-azzjonisti kollha ta` Alpha li jinkludu r-rikorrenti fil-kapacita` personali taghhom kif ukoll bis-sahha tal-ligi u cioe` a tenur tal-Kap.330. Dan jirrizulta mid-dokument tal-hatra ta` Asset bhala stralcjarju a tenur tal-Kap.168 tal-Ligijiet ta` Malta, liema dokument huwa hawn anness bhala Dok 1 ;*

*2. Illi, fit-tieni lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotorju huwa rritu u null stante li mhuwiex konformi mar-rekwiziti li jipprovdi l-artikolu 156 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi, fit-tielet lok, subordinatament u dejjem minghajr preghudizzju ghas-suespost, it-talba principali tar-rikorrenti hija preskritta a tenur ta` l-artikolu 1222(1) u/jew 1222(2) tal-Kap.16 ;*

*4. Illi fir-raba` lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza ma tistax tirnexxi minhabba n-nuqqas ta` l-integrita` tal-gudizzju u b`mod partikolari ghaliex is-socjeta` Asset ma gietx imharrka bhala stralcjarju ta` Alpha ;*

*5. Illi fil-hames lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti li ilhom jafu bit-trasferiment tan-negozju minn Alpha lil MLS-Multinational Logistic Services Ltd (MLS2) sa minn Awissu tas-sena 2004, kellhom kull opportunita` jintavolaw kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni jekk kien hekk jidhrilhom xieraq fil-kors ta` l-istralc minflok kawza ghar-rexxissjoni tal-iskrittura tal-31 ta` Dicembru 2004*

*("TBA") li ghaliha mhumiex partijiet u meta m`ghandhom ebda rabta legali ma` hadd mill-konvenuti ;*

*6. Illi fis-sitt lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-TBA gie konkluz bis-sahha ta` rizoluzzjoni li ttiehdet b`mod unanimu mill-azzjonisti kollha ta` Alpha inkluz ir-rikorrenti stess li kienu prezenti in persona jew permezz ta` mandatarju ("proxy") f`laqgha generali ta` Alpha li saret fis-6 ta` Awissu 2004 fi Zurich, l-Isvizzera, u kwindi hija skrittura valida u fis-sehh skond il-ligi ;*

*7. Illi fis-seba` lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kap.168 u l-Kap.330 tal-Ligijiet ta` Malta huma, ghal kull buon fini, il-ligijiet ewlenin li jirregolaw socjetajiet registrati taht il-ligi Maltija bhas-socjeta` Alpha ;*

*8. Illi fit-tmien lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, proceduri li jikkoncernaw socjetajiet li huma regolati mill-provvedimenti tal-Kap.330 u cioe` socjetajiet li kienu "offshore companies" bhalma hi Alpha ghandhom jinstemghu in camera minn din il-Qorti ;*

*9. Illi fid-disa` lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta mhix il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri stante li m`ghandha l-ebda rabta legali, kummercjali jew ta` xi tip iehor mar-rikorrenti fil-kapacita` taghhom personali stante li l-uniku rabta li ghandha u li tikkoncerna l-iskrittura "TBA" hija ma` Alpha u mhux mar-rikorrenti ;*

*10. Illi fl-ghaxar lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, Asset mhix il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri stante li m`ghandha ebda rabta legali, kummercjali jew ta` xi tip iehor mar-rikorrenti fil-kapacita` taghhom personali u l-uniku rabta li ghandha ma` Alpha huwa l-fatt li hija l-istralcjarju taghha ;*

*11. Illi fil-hdax-il lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespostr, Asset mhix imharrka fil-kwalita` taghha ta` stralcjarju ta` Alpha izda mharrka fil-kapacita` taghha personali ;*

*12. Illi fl-ahhar lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, Asset mhux parti ghat-TBA, qatt ma kellha assi jew beni ta` Alpha u wisq anqas tar-rikorrenti hlief li kienet izzomm l-ishma tar-riko9rrenti bhala "nominee" taghhom skond il-Kap.330 u dana sas-sena 2005 meta fuq istruzzjonijiet ta` l-istess rikorrenti n-"nominee relationship" giet terminata.*

*13. Dwar il-fatti :*

*13.1 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 1 tar-rikors promotorju huma skorretti fis-sens li Alpha giet xolta f`Ottubru 2003 stante li giet xolta skond il-Kap.330 u cioe` fl-ahhar gurnata kontemplata minn dik il-ligi u cioe` fix-xahar ta` Settembru 2004 ;*

*13.2 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 2 tar-rikors promotorju huma skorretti fis-sens li l-investiment fil-Viset Malta plc sehh permezz ta` "bearer shares" f`socjeta` bl-isem MLS Group Ltd stante li dawn il-"bearer shares" ma jezistux ;*

*13.3 AVMT (Trustees) Ltd (AVMT) li ghaliha hemm riferenza f`paragrafu 2 tar-rikors promotorju, hija propjetarja ta` azzjoni wahda fis-socjeta` Perquisite Holdings Ltd (Perquisite) u li ghandha valur nominali ta` lira Maltija ;*

*13.4 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 3 tar-rikors promotorju huma ta` natura spekulattiva da parte tar-rikorrenti ;*

*13.5 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 4 tar-rikors promotorju huma korretti salv ghad-data li fiha Alpha dahlet fi stat ta` stralc ;*

*13.6 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 5 tar-rikors promotorju mhumiex kontestati ;*

*13.7 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 6 tar-rikors promotorju huma in parte skorrenti u in parte neutrali. Huma neutrali ghall-esponenti stante li dawn ma jafux min u x`hinuma "is-sorsi ohrajn" li ghalihom hemm riferenza*

*fil-paragrafu 6 u wisq anqas ma jafux x`kienet l-informazzjoni li nghatat minn dawn "is-sorsi". Il-kumplament tal-fatti jew ahjar ta` l-istqarrija f`dak il-paragrafu huwa skorrett stante li r-rikorrenti kienu ppartecipaw matul il-laqgha generali ta` Alpha li saret f`Awissu 2004 fi Zurich, l-Isvizzera, f`diskussjoni dwar l-istat ta` Alpha u li din kienet sejra tidhol fi stat ta` stralc imminentement. F`dik il-laqgha, ir-rikorrenti kienu wkoll ivvotaw favur sensiela ta` decizjonijiet li jikkoncernaw il-futur ta` Alpha, l-istralc taghhom inkluz il-kwistjoni tat-trasferiment tan-negozju permezz ta` l-iskrittura TBA u li abbozz ta` dik l-iskrittura kienet giet sottomessa, diskussa u approvata unanimament fil-laqgha generali.*

*13.8 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 7 tar-rikors promotorju humaa skorretti u dana ghaliex l-ittra li ghaliha hemm riferenza u datata 29 ta` Marzu 2005 ma allegatx l-esistenza ta` l-iskrittura u cioe` it-TBA. L-ittra kkonstatat il-fatt li n-negozju kien gie trasferit ksond ir-rizoluzzjoni unanima tal-laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` Alpha.*

*13.9 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 8 tar-rikors promotorju jigu ndirizzati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*13.10 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 9 tar-rikors promotorju jigu ndirizzati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*13.11 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 10 tar-rikors promotorju huma kkontestati stante li t-TBA huwa validu skond il-ligi u gie konkluz bil-kunsens u l-approvazzjoni tar-rikorrenti.*

*13.12 Paragrafu 11 tar-rikors promotorju gie redatt b`mod li jinganna u jghawweg il-fatti. Alpha u MLS2 intavolaw proceduri arbitrali kontra r-rikorrenti quddiem ic-Centru ta` l-Arbitragg f`Malta fejn talbu li jinghataw access ghall-kotba u ghad-dokumenti finanzjarji relattivi ghax-xoghol svolt minnhom bhala agenti ta` Alpha u MLS2 u dan bl-iskop li ssir revizjoni ta` dawk il-kotba finanzjarji. Peress illi r-rikorrenti ma ppermettux lid an isehh huma unikament responsabbli ghal dewmien u ghal agir ostakoluz li minhabba fih ma tistax tinghalaq l-istralc ta` Alpha. Inoltre dan l-ostakolizmu u ostruzzjonizmu dap arte tar-rikorrenti ilu jsehh mis-sena 2004 fil-kaz ta` Lonzar u mis-sena 2005 fil-kaz ta` Akincioglu.*

*13.13 Inoltre dan l-agir da parte ta` Lonzar u Akincioglu jikkontribwixxi b`mod direttament ghall-impossibilita` li tigi determinata l-konsiderazzjoni fil-kuntest ta` TBA stante li Alpha u MLS2 ma jistghux jirrikonciljaw l-kontinijiet taghhom mar-rikorrenti qua agenti taghhom, u kwindi titwieled sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti jallegaw in-nullita` u jitolbu r-rexxissjoni ta` TBA minhabba l-mankanza tal-konsiderazzjoni u min-naha l-ohra jostakolaw il-kjuzura ta` l-istralc billi ma jippermettux li ssehh ir-rikoncilazzjoni finanzjarja mehtiega sabiex tigi stabbilita dik il-konsiderazzjoni.*

*13.14 Alpha u MLS2 intavolaw proceduri arbitrali kontra r-rikorrenti quddiem ic-Centru ta` l-Arbitragg f`Malta fejn, inter alia, talbu, ai termini ta` kuntratt ta` agenzija bejniethom, li jinghataw access ghall-kotba u ghad-dokumenti finanzjarji relattivi ghax-xoghol svolt minnhom bhala agenti ta` Alpha u MLS2 u dan bl-iskop li ssir revizjoni ta` dawk il-kotba finanzjarji. Alpha u MLS2 talbu verbatim lit-tribunal arbitrali sabiex – "to declare and confirm that Claimants (alpha & MLS2) or their advisers or auditors of international repute appointed by the Tribunal, be granted access to all the Respondents` (Lonzar, Akincioglu and their respective companies namely Domar S.r.L. and Antmarin Inc) information and documentation required for audit and reconciliation purposes by Claimants (Alpha & MLS2) in terms of the agency relationship as well as in terms of any other appliucable law or contractual arrangement that existed between the parties in the execution of all services under the Contract (i.e. the US Navy Contract for the Mediterranean Region) for Lonzar in all ports of Trieste, Italy (and Koper, Slovenia for the entire period of his agency) as well as for Akincioglu in all ports of Aksaz, Marmaris & Antalya in Turkey (for the entire period of his agency)".*

*13.15 It-tribunal arbitrali pprezenta l-lodo tieghu fit-22 ta` Settembru 2009 izda ma ddecidiex it-talba kif riportata.*

*13.16 Fl-14 ta` Dicembru 2009, ic-Centru ghall-Arbitragg Malti nforma lil Alpha u MLS2 li t-tribunal arbitrali kien ghazel li ma jiehux aktar konjizzjoni ta` talba taghhom ghall-ghoti ta` decizjoni arbitrali addizzjonali fil-konfront ta` Lonzar u Akincioglu ai termini ta` artikolu 33 ta` Skeda Nru 1 tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*13.17 Fit-22 ta` Dicembru 2009, Alpha u MLS2 bhala rikorrenti fil-proceduri arbitrali kontra Lonzar u Akincioglu pprezentaw rikors quddiem*

*l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) li hija ndikata bhala l-Qorti ta` Kompetenza ai termini ta` proceduri skond artikolu 34 ta` Skeda 1 tal-Kap.387 fejn talbu lil dik il-Qorti sabiex twarrab dawk il-lodi u dana ai termini ta` l-imsemmi artikolu 34.*

*13.18 Nonostante d-difetti u l-konkluzjonijiet skorretti li wasal ghalihom it-tribunal arbitrali fil-lodo tieghu madanakollu t-tribunal arbitrali sab u kkonferma li sia Lonzar u sia Akincioglu ma kienux ottemperaw ruhhom ma` l-obbligi taghhom kontrattwali bhala agenti ta` Alpha u ta` MLS2.*

*13.19 Oltre l-fatti suesposti, ir-rikorrenti (f`dan ir-rikors guramentat) mhux biss jirrifjutaw li jaghtu rendikont ta` l-ghemil taghhom bhala agenti lil Alpha u lil MLS2 izda matul is-sena 2005 intavolaw proceduri fl-Istati Uniti ta` l-Amerika u precizament quddiem il-"United States Government Accountability Office (GAO)" u abbazi ta` numru ta` allegazzjonijiet libelluzi u nfondati, talbu ufficjalment lil din l-Awtorita` tal-Istat Amerikan li hija responsabbli ghar-revizjoni ta` l-appalti pubblici ta` l-Istat Amerikan sabiex tikkancella u thassar kuntratt regjonali fil-Mediterran tal-flotta navali Amerikana li kien intrebah wara appalt internazzjonali minn Alpha fis-sena 1998 u dan il-kuntratt kien jirrapprezenta wiehed mill-aktar assi principali ta` l-istess Alpha. Il-GAO kien cahad it-talba tar-rikorrenti izda l-Marina Navali Amerikana kienet eventwealment regghet harget sejhiet ghall-offerti internazzjonali ta` l-istess kuntratt. Ir-rikorrenti Lonzar u Akincioglu kienu kkompetew ma` MLS2 dak iz-zmien f`dik is-sejha izda ma kienux rebhu l-kuntratt.*

*13.20 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 12 tar-rikors promotorju huma kontestati in toto ghaliex huma skorretti.*

*13.21 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 14 tar-rikors promotorju huma kontestati fis-sens li Asset mhix imharrka fil-kwalita` taghha ta` stralcjarju ta` Alpha u MLS2 hija assistita minn konsulenti legali taghha indipendenti.*

*14. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma promossi in mala fede u b`mod frivolu u vessatorju u jikkostitwixxu abbuz ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja.*

*15. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*16. In vista tal-atti suesposti li huma maghrufa minn MLS2, Asset fil-kwalita` taghha ta` stralcjarju ta` Alpha u MLS2 qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni principali tar-rikorrenti sabiex ai termini tal-Kap.12 jaghmlu kontrotalba kontra l-istess rikorrenti fil-kwalita` personali bhala agenti ta` Alpha u MLS2 u umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara, tikkonferma u tordna li Alpha u MLS2 ossia tramite awdituri ta` reputazzjoni internazzjonali jinghataw access ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta` Giampalo Lonzar u ta` Hasan Akincioglu ghall-iskop ta`revizjoni u rikonciljazzjoni u dana ai termini tal-kuntratti ta` agenzija bejn il-partijiet ghar-rigward tas-servizzi marittimi moghtija lil Bastimenti naval ital-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta` Trieste fl-Italja u ta` Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta`Aksaz, Marmaris, Mersin u Antalya fit-Turkija u dana ghall-perijodu kollu li dawn kienu agenti ta` Alpha u ta` MLS2.*

*17. Ghaldaqdant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha nkluzi dawk relattivi ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni Nru. 2073/09.*

Rat il-lista ta` xhieda ndikati mill-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti esebiti minnhom.

Rat **il-kontrotalba** li taqra hekk –

*1. Premess illi Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu, fil-kapacita` personali taghhom, flimkien mas-socjetajiet rispettivi taghhom – Domar SrL ta` Trieste, fl-Italja u Antmarin Inc tat-Turkija kienu agenti ta` Alpha 22 Limited meta din kienet tmexxi n-negozju taghha bl-isem ta` MLS-Mediterranean Logistic Services Ltd u fil-kaz ta` Akincioglu dana agixxa wkoll ta` agent tas-socjeta` hawn rikorrenti cioe` MLS-Multinational Logistic Services Ltd (C34635) sal-31 ta` Marzu 2005.*

*2. U Billi fl-1998 il-Gvern ta` l-Istati Uniti ta` l-Amerika tramite d-Dipartiment tal-Marina Navali u partikolarment permezz tan-"Naval Regional Contracting Centre (NRCC)" li kien ibbazat f`Napli, l-Italja,*

*ikkonkluda kuntratt ta` ghaxar snin ma` Alpha ghall-fornitura ta` servizzi marittimi lill-bastimenti tal-gwerra Amerikani fil-Mediterran (Med Contract) u dana wara li kien organizza sejha internazzjonali ghall-offerti minghand diversion kumpanniji internazzjonali. Il-kuntratt ma kienx precizament ghal ghaxar snin izda kien jiggedded minn sena ghal sena u t-tigdid tieghu kienet tigi ezercitata mill-Gvern Amerikan skond id-diskrezzjoni tieghu, liema diskrezzjoni kienet tigi ezercitata favorevolment galadarba s-socjeta` appaltatrici u cioe` Alpha kienet tottjeni puntegg ta` 90% jew aktar abbazi ta` sistema ta` puntegg relatata mal-kwalita` tas-servizzi provduti lill-Gvern Amerikan u dan fuq bazi annwali. Alpha kellha l-kuntratt mgedded kull sena sat-tmien sena meta dan il-kuntratt rega` gie offrut fuq is-suq internazzjonali permezz ta` sejha ghal ghotjien ta` offerti.*

*3. U Billi kemm Giampaolo Lonzar kif ukoll Hasan Akincioglu kienu t-tnejn diretturi ta` Alpha minn 1997 sal-2004.*

*4. U Billi t-twettieq u l-ezekuzzjoni tal-Med Contract kienet giet implimentata tramite l-hatra ta` diversi agenti minn Alpha madwar diversi portijiet fil-Mediterran u Lonzar kien inhatar agent fil-port ta` Trieste fl-Italja u fil-port ta` Koper fis-Slovenia filwaqt li Akincioglu kien inhatar agent fil-portijiet ta` Aksaz, Marmaris, Mersin & Antalya fit-Turkija (kollettivament maghrufa bhala Portijiet).*

*5. U Billi l-gestjoni kwotidjana u l-ghotja tas-servizzi fil-Portijiet kienet erogata matul id-durata tal-Med Contract minghand Akincioglu sal-ahhar ta` Marzu 2005 u minghand Lonzar sas-sajf tal-2004.*

*6. U Billi Lonzar u Akincioglu fil-kapacita` personali taghhom attendew kwazi kull laqgha tal-Bord tad-Diretturi u tal-laqghat generali ta` Alpha.*

*7. U Billi bejn 1998 sa Marzu 2005, kemm Lonzar u Akincioglu kienu accettaw il-kariga ta` agenti ta` Alpha u dana permezz ta` sensiela ta` kuntratti bil-miktub u tigdid taghhom fuq bazi annwali fil-Portijiet. Il-kuntratti kienu jelenkaw l-iskop tal-mansjoni ta` agent u l-obbligi tieghu. Il-kuntratti kienu kollha "standard" u komuni ghal kull agent indipendentement jekk kellhomx interess fis-socjeta` Alpha jew le. Il-kuntratti kienu konkluzi kollha "on an arms length basis".*

*8. U Billi l-Gvern Amerikan kien jezercita d-diskrezzjoni tieghu li jgedded il-Med Contract kull sena fix-xahar ta` Marzu ghas-sena ta` wara.*

*9. U Billi Akincioglu kien jaf ben tajjeb b`din il-prassi tal-Gvern amerikan ghal habta ta` Jannar/Frar 2005 kien ghazel li jinforma lil NRCC direttament, meta ma kellux relazzjoni legali maghhom, li kien bi hsiebu ma jkomplix jagixxi bhala agent ta` MLS2 b`sehh mill-31 ta` Marzu 2005 u dana ghamlu qabel ma nforma lil MLS2 li kienet il-principal tieghu. Fil-fatt MLS2 saret taf b`dan minghand NRCC.*

*10. U Billi Lonzar u s-socjeta` tieghu Domar SrL kienu tnehhew minn agenti ta` Alpha fis-sajf tal-2004 minhabba li kienu responsabbli ghall-agir serju u llegali b`detriment ghas-socjeta` fil-portijiet li kienu jaqghu tahthom.*

*11. U Billi Lonzar u Akincioglu ilhom fin-negozju ta` agenti marittimi ghal numru ta` decenni u partikolarment fil-forrnituri ta` servizzi lil bastimenti tal-gwerra navali Amerikani, rispettivament sija fi Trieste, l-Italja, sija fit-Turkija, huma tassew familjari mal-ligijiet applikabbli fis-settur u b`mod partikolari dawk tal-Gvern Amerikan cioe` dawk li jissejhu "US Federal Acquisition Regulations (FARS) u (DFARS)".*

*12. U Billi fis-sena 2004 u 2005, Alpha u MLS2 ghamlu diversi talbiet sabiex jinghataw access ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta` Giampaolo Lonzar u ta` Hasan Akincioglu ghall-iskop ta` revizjoni u rikonciljazzjoni u dana ai termini tal-kuntratti ta` agenzija bejn il-partijiet ghar-rigward tas-servizzi marittimi. Huwa principju stabbilit u kardinali tar-rapport bejn l-agent u l-principal tieghu li jinghata rendikont tax-xoghol u ta` l-ispiza li l-agent ikun nefaq ghan-nom tieghu. Il-Bord tad-diretturi ta` Alpha kien adotta rizoluzzjonijiet ta` din in-natura drabi ohra fil-konfront ta` agenti ohra u dan b`approvazzjoni ta` Lonzar u Akincioglu meta kienu membri ta` dak il-Bord. Madankollu Lonzar u Akincioglu ghadhom sa llum jirrifjutaw minghajr raguni valida li jaghtu ebda tip ta` rendikont ta` ghemilhom bhala agenti ta` Alpha u ta` MLS2.*

*13. U Billi f`Lulju 2005 Alpha u MLS2 bdew proceduri arbitrali kontra Lonzar u Akincioglu u s-socjetajiet rispettivi taghhom taht l-awspici*

*tal-Malta Arbitration Centre u dan skond il-klawsoli arbitrali stipulati fil-kuntratti ta` agenzija. Il-lodo arbitrali nghata fit-22 ta` Settembri 2009.*

*14. U Billi fiz-zewg proceduri arbitrali, it-tribunal arbitrali kien gie mitlub, inter alia, "to declare and confirm that Claimants (Alpha & MLS2) or their advisers or auditors of international repute appointed by the Tribunal, be granted access to all the Respondents` (Lonzar, Akincioglu andf their respective companies namely Domar SrL and Antmarin Inc) information and documentation required for audit and reconciliation purposes by Claimants (Alpha & MLS2) in terms of the agency relationship as well as in terms of any applicable law or contractual arrangement that existed between the parties in the execution of all services under the Contract (i.e. the US Navy Contract for the Mediterranean region) for the US Navy for Lonzar in all the ports of Trieste, Italy, for the period 1st January 2000 to end of August 2004 and for Akincioglu in all the ports of Aksaz, Marmaris & Antalya in Turkey for the period 1st January 2000 to 31st March 2005.*

*15. U Billi t-tribunali arbitrali ghalkemm naqsu milli jiddeciedu t-talba suesposta, sabu u ddecidew li kemm Lonzar u kemm Akincioglu kienu naqsu mill-obbligi taghhom ta` agenti fil-konfronmt ta` Alpha u ta` MLS2.*

*16. U Billi f`Ottubru 2009, Alpha u MLS2 ipprezentaw zewg rikorsi kontra Lonzar u Akincioglu kull wiehed quddiem it-tribunali arbitrali sabiex jaghtu lodo addizzjonali ai termini ta` artikolu 33 ta` Skeda 1 tal-Kap. 387 izda t-tribunali arbityrali ghazlu li ma jiehdux konjizzjoni tat-talba f`dawn ir-rikors. Ghaldaqstant Alpha u MLS2 intavolaw zewg rikorsi ohra izda mhux rikors fin-natura ta` appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) liema Qorti hija l-foro ndikata ai termini tal-Kap 387 sabiex jitwarrbu dawn il-lodi. Dawn ir-rikors ghad iridu jinstemghu.*

*17. U Billi Alpha u MLS2 issa esawrew r-rimedji legali kollha ai termini tal-kawsoli arbitrali fil-kuntratt ta` agenzija ma` Lonzar u Akincioglu u sa llum ghad m`ghandhomx decizjoni gudizzjarja dwar it-talba suesposta u li kienet fformulata ghal gudizzju minn tribunal arbitrali.*

*18. U Billi in virtu tad-dritt ta` rikonvenzjoni ai termini tal-Kap 12, alpha u MLS2 qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Ghaldaqstant l-intimati rikonvenzjonati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex prevja kull provvediment opportun u ghar-ragunijiet premessi :*

*1. Tiddikjara u tikkonferma li MLS-Multinational Logistic Services Ltd (C34635) u li Asset Security Nominee Co Ltd (C11706) fil-kwalita` ta` Stralcjarju ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ossia tramite awdituri ndipendenti u ta` reputazzjoni, ghandhom id-dritt ta` access ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta` Giampaolo Lonzar u ta` Hasan Akincioglu ghall-iskop ta` revizjoni u rikonciljazzjoni u dana ai termini tal-kuntratti ta` agenzija bejn il-partijiet ghar-rigward tas-servizzi marittimi moghtija lil bastimenti naval ital-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta` Trieste, l-Italja u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta` Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana ghall-perijodu kollu li dawn kienu agenti.*

*2. Tordna li MLS-Multinational Logistic Services Ltd (C34635) u li Asset Security Nominee Co Ltd (C11706) fil-kwalita` ta` Stralcjarju ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ossia tramite awdituri ndipendenti u ta` reputazzjoni, jinghataw access ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni finanzjarja ta` Giampaolo Lonzar u ta` Hasan Akincioglu ghall-iskop ta` revizjoni u rikonciljazzjoni u dana ai termini tal-kuntratti ta` agenzija bejn il-partijiet ghar-rigward tas-servizzi marittimi moghtija lil bastimenti navali tal-flotta Amerikana minn Lonzar fil-portijiet ta` Trieste, l-Italja u Koper fis-Slovenja u minn Akincioglu fil-portijiet ta` Aksaz, Marmaris & Antalja fit-Turkija u dana ghall-perijodu kollu li dawn kienu agenti.*

*3. Tinnomina, tahtar u tinkariga awditur jew ditta ta` awdituri indipendenti u ta` reputazzjoni sabiex jespleta l-inkarigu moghti skond it-talba suesposta u dana entro terminu li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Tiddikjara u tikkonferma li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli ghad-danni fil-kaz li ma jippermettux it-twettieq tad-decizjonijiet ta` din l-Onorabbli Qorti abbazi tat-talbiet suesposti.*

*5. Il-likwidazzjoni tal-istess danni jibqghu riservati ghal gudizzju separat.*

*6. Tiddikjara u tikkonferma li Giampolo Lonzar u Hasan Akincioglu huma responsabbli ghall-ispejjez kollha ta` dawn il-proceduri.*

*7. Tordna li Giampaolo Lonzar u Hasan Akincioglu ghandhom ihallsu l-ispejjez kollha ta` dawn il-proceduri u li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat **ir-risposta guramentata tal-atturi ghall-kontrotalba** prezentata fid-29 ta` Jannar 2010 li taqra hekk –

*1. Illi l-Onorabbli Qrati ta` Malta m`ghandhomx gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali peress illi -*

*a) Fil-konfront ta` Hasan Akincioglu ta` Antalya, Turkija, dan huwa residenti u domiciljat barra mill-Unjoni Ewropea u skond l-artikolu 742 tal-Kap.12 ma hemm ebda bazi ta` gurisdizzjoni hawn Malta ;*

*b) Fil-konfront ta` Giampaolo Lonzar, residenti u domiciljat Trieste, Italja, japplikaw r-regoli tal-Council Regulation (EC) No.44/2001, u senjatament, l-Artikolu 2 li jiddetta illi l-gurisdizzjoni hija esklussivament fil-Qrati tad-domicilju tal-mharrek ;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonali huma bejn il-partijiet "res judicata" peress illi –*

*c) It-talbiet rikonvenzjonali huma soggetti ghall-klawsola arbitrali esklussiva u dawn l-istess talbiet gew imressqa mir-rikonvenzjonanti fi proceduri ta` arbitragg internazzjonali numri 829 u 830 tas-sena 2005, li fihom dawn l-istess talbiet gew dibattuti, decizi u respinti u dan permezz tal-lodo tat-22 ta` Settembru 2009.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti <u>m`ghandhiex tiehu konjizzjoni</u> tat-talbiet rikonvenzjonali ghax huma inammissibbli peress illi –*

*d) L-Artikolu 396 tal-Kap.12 li jirregola t-talbiet rikonvenzjonali jistipula illi hemm konnessjoni guridika meta (i) il-kontrotalba gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu gejja t-talba tal-attur, jew (ii) meta l-iskop tal-kontrotalba huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b`kull mod iehor iggib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha. Illi l-kontrotalba ma tinkwadrax ruhha minn xi wahda mid-diversi ipotesi kkontemplati mill-Artikolu 396.*

*e) Illi l-Asset Security Nominee Co Ltd. Ma gietx mharrka fil-kawza in rapprezentanza tal-Alpha 22 Limited izda fil-kwalita` taghha personali. Skond l-Artikolu 400 tal-Kap.12, ma tistax taghmel kontrotalba fi kwalita` diversa ghal dik li giet mharrka.*

*f) Illi apparti dan, il-kontrotalba hija premessa fuq allegat ksur ta` obbligazzjonijiet kontrattwali ta` kuntratti totalment estranej ghall-meritu tat-talbiet attrici u mkien ma jirrizulta li l-atturi personalment qatt ikkontrattaw illi jhallu lil xi hadd, multo magis, ir-rikonvenzjonati li jispezzjona l-finanzi <u>personali</u> tal-atturi ghad-differenza tal-kotba tal-kumpanniji taghhom – liema kumpanniji kienu huma, se mai, l-agenti izda dawn mhumiex parti f`din il-kawza.*

*4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, <u>l-interess guridiku</u> tal-istralcjarju tal-Alpha 22 Limited, Asset Security Nominee Co Ltd fit-talba rikonvenzjonali hija mankanti kemm –il darba dan l-istess stralcjarju se jibqa` jinsisti illi l-kuntratt tat-Transfer of Business huwa validu u effettiv fis-sens illi l-assi stralcjarji kollha fil-lejl tal-31 ta` Dicembru 2004 gew akkwistati mill-kumpannija rikonvenzjonanti MLS-Multinational Logistic Services. Illi dan l-istralcjarju jridu jiddeciedi darba ghal dejjem jekk dawn l-istess assi stralcjarji baqghu taht l-amministrazzjoni tieghu jew li gew "mibjugha" lil MLS-Multinational Logistic Services. Il-fatt biss illi dan l-istralcjarju ghadu ma hax posizzjoni fissa dwar fejn jinsabu dawn l-assi stralcjarji, jew f`dejh jew f`dejn MLS-Multinational Logistic Services, hija prova wahedha tal-allegazzjoni tal-atturi illi l-istess Transfer of Business ma huwa xejn hlief kuntratt vojt u legalment bla effett.*

*5. Illi l-esponenti jissottometti illi l-iskop tal-kontrotalba huwa illi t-talba attrici, li tikkonsisti semplicement fid-dikjarazzjoni illi dik il-karta (di piu` fotostatika) msejha "Transfer of Business" huwa kuntratt null u bla effett awtomatikament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1353(2) tal-Kodici Civili ghax il-prtezz ma giex iffissat (haga li ma hijiex kontestata mir-rikonvenzjonanti) tintefa` fil-genb u l-profitt ta` dina l-illegaita` jibqas` ghaddej. Illi l-azzjoni tal-atturi hija "derivative action" li tippermetti azzjonista fil-minoranza li jagixxi f`sem il-kumpannija meta r-rappresentanza normali taghha flimkien mal-maggoranza huma hatja ta` omissjoni jew ta` atti li huma ntizi biss illi jippregudikaw lill-kumpannija biex haddiehor jiehu profit indebitu minn dan l-agir illecitu u pregudizzjali.*

*6. Fid-"derivative action" dawn is-socji tal-minoranza jagixxu "in the name of the company" u dina l-azzjoni gejja mil-ligi Ingliza u li kienet giet accettata fil-gurisprudenza taghna bhala r-rimedju necessarju u straordinarju biex jilqa` l-incidenza ta` frode tad-diretturi, jew l-persuni li normalment ghandhom il-kontroll u rapprezentanza tal-kumpannija, u dan kien accettat fi zmien qabel il-promulgazzjoni ta` rimedji tal-minoranza fl-Att dwar il-Kumpanniji (i.e. Art.402). Alpha 22 Limited hija nkorporata skond il-ligi precedenti ghal dan l-Att dwar il-Kumpanniji (i.e. Commercial Partnerships Ordinance).*

*Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li m`ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kontrotalbiet li del resto mhumiex ammissibbli skond il-procedura taghna, bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonanti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati ghall-fini ta` din ir-risposta guramentata tal-atturi.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Mejju 2010 fejn fl-ewwel lok laqghet it-talba tal-atturi sabiex mill-*occhio* tal-kawza jithassar il-kliem *in rappresentanza ta` Alpha 22 Limited (OS 1330/T)* u fit-tieni lok laqghet it-talba tal-atturi ghall-kjamata fil-kawza tal-kumpannija Alpha 22 Limited (OS/1330/T).

Rat **ir-risposta guramentata tal-kjamata fil-kawza** prezentata fl-1 ta` Gunju 2010 li taqra hekk -

*1. Ir-rikorrenti Lonzar u Akincioglu m`ghandhomx locus standi sabiex jintavola din il-kawza. Ir-rappresentanza legali ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ("Alpha") giet vestita fis-socjeta` konvenuta Asset Security Nominee Co Ltd ("Asset") li giet mahtura stracjarju ta` Alpha permezz ta` rizoluzzjoni unanima li ttiehdet f`laqgha generali ta` l-azzjonisti kollha ta` Alpha li jinkludu r-rikorrenti fil-kapacita` personali taghhom kif ukoll bis-sahha tal-ligi u cioe` a tenur tal-Kap.330. Dan jirrizulta mid-dokument tal-hatra ta` Asset bhala stralcjarju a tenur tal-Kap.168 tal-Ligijiet ta` Malta, liema dokument huwa diga` jinsab fl-atti tal-kawza. Ghalhekk din l-azzjoni ma tistax issir mir-rikorrenti fil-vesti personali taghhom.*

*2. Illi, fit-tieni lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba principali tar-rikorrenti hija preskritta a tenur ta` l-artikolu 1222(1) u/jew 1222(2) tal-Kap.16 ;*

*3. Illi fit-tielet lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti li ilhom jafu bit-trasferiment tan-negozju minn Alpha lil MLS-Multinational Logistic Services Ltd (MLS2) sa minn Awissu tas-sena 2004, kellhom kull opportunita` jintavolaw kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni jekk kien hekk jidhrilhom xieraq fil-kors ta` l-istralc minflok kawza ghar-rexxissjoni tal-iskrittura tal-31 ta` Dicembru 2004 ("TBA") li ghaliha mhumiex partijiet ;*

*4. Illi fir-raba` lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-TBA gie konkluz bis-sahha ta` rizoluzzjoni li ttiehdet b`mod unanimu mill-azzjonisti kollha ta` Alpha inkluz ir-rikorrenti stess li kienu prezenti in persona jew permezz ta` mandatarju ("proxy") f`laqgha generali ta` Alpha li saret fis-6 ta` Awissu 2004 fi Zurich, l-Isvizzera, u kwindi hija skrittura valida u fis-sehh skond il-ligi ;*

*5. Illi fil-hames lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kap.168 u l-Kap.330 tal-Ligijiet ta` Malta huma, ghal kull buon fini, il-ligijiet ewlenin li jirregolaw socjetajiet registrati taht il-ligi Maltija bhas-socjeta` Alpha ;*

*6. Illi fis-sitt lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, proceduri li jikkoncernaw socjetajiet li huma regolati mill-provvedimenti tal-Kap.330 u cioe` socjetajiet li kienu "offshore companies"*

*bhalma hi Alpha ghandhom jinstemghu in camera minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*7. Illi fis-seba` lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta mhix il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri stante li m`ghandha l-ebda rabta legali, kummercjali jew ta` xi tip iehor mar-rikorrenti fil-kapacita` taghhom personali stante li l-uniku rabta li ghandha u li tikkoncerna l-iskrittura "TBA" hija mal-konvenuta l-ohra s-socjeta` MLS u mhux mar-rikorrenti ;*

*8.. Illi fit-tmien lok, subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, Asset mhix imharrka fil-kwalita` taghha ta` stralcjarju ta` Alpha izda mharrka fil-kapacita` taghha personali u ghalhekk ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*9. Dwar il-fatti :*

*9.1 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 1 tar-rikors promotorju huma skorretti fis-sens li Alpha giet xolta skond il-Kap.330 u cioe` fl-ahhar gurnata kontemplata minn dik il-ligi u cioe` fix-xahar ta` Settembru 2004 ;*

*9.2 Il-fatti dikjarati f`paragrafu 2 tar-rikors promotorju huma skorretti fis-sens li l-investiment fil-Viset Malta plc sehh permezz ta` "bearer shares" f`socjeta` bl-isem MLS Group Ltd stante li dan ma kienx il-kaz ;*

*9.3. AVMT (Trustees) Ltd (AVMT) li ghaliha hemm riferenza f`paragrafu 2 tar-rikors promotorju, hija propjetarja ta` azzjoni wahda fis-socjeta` Perquisite Holdings Ltd (Perquisite) u li ghandha valur nominali ta` lira Maltija ;*

*9.4. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 3 tar-rikors promotorju huma ta` natura spekulattiva da parte tar-rikorrenti ;*

*9.5. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 4 tar-rikors promotorju huma korretti salv ghad-data li fiha Alpha dahlet fi stat ta` stralc ;*

*9.6. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 5 tar-rikors promotorju mhumiex kontestati ;*

*9.7. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 6 tar-rikors promotorju huma in parte skorrenti u in parte neutrali. Huma neutrali ghall-esponenti stante li dawn ma jafux min u x`hinuma "is-sorsi ohrajn" li ghalihom hemm riferenza fil-paragrafu 6 u wisq anqas ma jafux x`kienet l-informazzjoni li nghatat minn dawn "is-sorsi". Il-kumplament tal-fatti jew ahjar ta` l-istqarrija f`dak il-paragrafu huwa skorrett stante li r-rikorrenti kienu ppartecipaw matul il-laqgha generali ta` Alpha li saret f`Awissu 2004 fi Zurich, l-Isvizzera, f`diskussjoni dwar l-istat ta` Alpha u li din kienet sejra tidhol fi stat ta` stralc imminentement. F`dik il-laqgha, ir-rikorrenti kienu wkoll ivvotaw favur sensiela ta` decizjonijiet li jikkoncernaw il-futur ta` Alpha, l-istralc taghhom inkluz il-kwistjoni tat-trasferiment tan-negozju permezz ta` l-iskrittura TBA u li abbozz ta` dik l-iskrittura kienet giet sottomessa, diskussa u approvata unanimament fil-laqgha generali.*

*9.8. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 7 tar-rikors promotorju huma skorretti u dana ghaliex l-ittra li ghaliha hemm riferenza u datata 29 ta` Marzu 2005 ma allegatx l-esistenza ta` l-iskrittura u cioe` it-TBA. L-ittra kkonstatat il-fatt li n-negozju kien gie trasferit ksond ir-rizoluzzjoni unanima tal-laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` Alpha.*

*9.9. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 8 tar-rikors promotorju jigu ndirizzati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*9.10. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 9 tar-rikors promotorju jigu ndirizzati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*9.11. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 10 tar-rikors promotorju huma kkontestati stante li t-TBA huwa validu skond il-ligi u gie konkluz bil-kunsens u l-approvazzjoni tar-rikorrenti.*

*9.12. Paragrafu 11 tar-rikors promotorju gie redatt b`mod li jinganna u jghawweg il-fatti. Alpha u MLS2 intavolaw proceduri arbitrali kontra r-rikorrenti quddiem ic-Centru ta` l-Arbitragg f`Malta fejn talbu li jinghataw access ghall-kotba u ghad-dokumenti finanzjarji relattivi ghax-xoghol svolt*

*minnhom bhala agenti ta` Alpha u MLS2 u dan bl-iskop li ssir revizjoni ta` dawk il-kotba finanzjarji. Peress illi r-rikorrenti ma ppermettux li dan isehh huma unikament responsabbli ghal dewmien u ghal agir ostakoluz li minhabba fih ma tistax tinghalaq l-istralc ta` Alpha. Inoltre dan l-ostakolizmu u ostruzzjonizmu da parte tar-rikorrenti ilu jsehh mis-sena 2004 fil-kaz ta` Lonzar u mis-sena 2005 fil-kaz ta` Akincioglu.*

*9.13. Inoltre dan l-agir da parte ta` Lonzar u Akincioglu jikkontribwixxi b`mod direttament ghall-impossibilita` li tigi determinata l-konsiderazzjoni fil-kuntest ta` TBA stante li Alpha u MLS2 ma jistghux jirrikonciljaw l-kontinijiet taghhom mar-rikorrenti qua agenti taghhom, u kwindi titwieled sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti jallegaw in-nullita` u jitolbu r-rexxissjoni ta` TBA minhabba l-mankanza tal-konsiderazzjoni u min-naha l-ohra jostakolaw il-kjuzura ta` l-istralc billi ma jippermettux li ssehh ir-rikoncilazzjoni finanzjarja mehtiega sabiex tigi stabbilita dik il-konsiderazzjoni.*

*9.14. Alpha u MLS2 intavolaw proceduri arbitrali kontra r-rikorrenti quddiem ic-Centru ta` l-Arbitragg f`Malta fejn, inter alia, talbu, ai termini ta` kuntratt ta` agenzija bejniethom, li jinghataw access ghall-kotba u ghad-dokumenti finanzjarji relattivi ghax-xoghol svolt minnhom bhala agenti ta` Alpha u MLS2 u dan bl-iskop li ssir revizjkoni ta` dawk il-kotba finanzjarji. Alpha u MLS2 talbu verbatim lit-tribunal arbitrali sabiex – "to declare and confirm that Claimants (alpha & MLS2) or their advisers or auditors of international repute appointed by the Tribunal, be granted access to all the Respondents` (Lonzar, Akincioglu and their respective companies namely Domar S.r.L. and Antmarin Inc) information and documentation required for audit and reconciliation purposes by Claimants (Alpha & MLS2) in terms of the agency relationship as well as in terms of any other appliucable law or contractual arrangement that existed between the parties in the execution of all services under the Contract (i.e. the US Navy Contract for the Mediterranean Region) for Lonzar in all ports of Trieste, Italy (and Koper, Slovenia for the entire period of his agency) as well as for Akincioglu in all ports of Aksaz, Marmaris & Antalya in Turkey (for the entire period of his agency)".*

*9.15 It-tribunal arbitrali pprezenta l-lodo tieghu fit-22 ta` Settembru 2009 izda ma ddecidiex it-talba kif riportata.*

*9.16. Fl-14 ta` Dicembru 2009, ic-Centru ghall-Arbitragg Malti nforma lil Alpha u MLS2 li t-tribunal arbitrali kien ghazel li ma jiehux aktar konjizzjoni ta` talba taghhom ghall-ghoti ta` decizjoni arbitrali addizzjonali fil-konfront ta` Lonzar u Akincioglu ai termini ta` artikolu 33 ta` Skeda Nru 1 tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*9.17. Fit-22 ta` Dicembru 2009, Alpha u MLS2 bhala rikorrenti fil-proceduri arbitrali kontra Lonzar u Akincioglu pprezentaw rikors quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) li hija ndikata bhala l-Qorti ta` Kompetenza ai termini ta` proceduri skond artikolu 34 ta` Skeda 1 tal-Kap.387 fejn talbu lil dik il-Qorti sabiex twarrab dawk il-lodi u dana ai termini ta` l-imsemmi artikolu 34.*

*9.18. Fid-9 ta` April 2010 l-Onorabbli Qorti tal-appell ma laqghetx it-talbiet ta` Alpha u MLS2 ghar-ragunijiet moghtija fl-istess gudizzju.*

*9.19. Nonostante d-difetti u l-konkluzjonijiet skorretti li wasal ghalihom it-tribunal arbitrali fil-lodo tieghu madanakollu t-tribunal arbitrali sab u kkonferma li sia Lonzar u sia Akincioglu ma kienux ottemperaw ruhhom ma` l-obbligi taghhom kontrattwali bhala agenti ta` Alpha u ta` MLS2.*

*9.20. Oltre l-fatti suesposti, ir-rikorrenti (f`dan ir-rikors guramentat) mhux biss jirrifjutaw li jaghtu rendikont ta` l-ghemil taghhom bhala agenti lil Alpha u lil MLS2 izda matul is-sena 2005 intavolaw proceduri fl-Istati Uniti ta` l-Amerika u precizament quddiem il-"United States Government Accountability Office (GAO)" u abbazi ta` numru ta` allegazzjonijiet libelluzi u nfondati, talbu ufficjalment lil din l-Awtorita` tal-Istat Amerikan li hija responsabbli ghar-revizjoni ta` l-appalti pubblici ta` l-Istat Amerikan sabiex tikkancella u thassar kuntratt regjonali fil-Mediterran tal-flotta navali Amerikana li kien intrebah wara appalt internazzjonali minn Alpha fis-sena 1998 u dan il-kuntratt kien jirrapprezenta wiehed mill-aktar assi principali ta` l-istess Alpha. Il-GAO kien cahad it-talba tar-rikorrenti izda l-Marina Navali Amerikana kienet eventwealment regghet harget sejhiet ghall-offerti internazzjonali ta` l-istess kuntratt. Ir-rikorrenti Lonzar u Akincioglu kien kkompetew ma` MLS2 dak iz-zmien f`dik is-sejha izda ma kienux rebhu l-kuntratt.*

*9.21. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 12 tar-rikors promotorju huma kontestati in toto ghaliex huma skorretti. Mill-hatra taghha bhala stralcjarju ta` Alpha f`Marzu 2005 sal-lum, ASN mxiet mad-decizjonijiet li ttiehdu b`mod unanimu fil-laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` Alpha fi Zurich f`Awissu 2004 u mexxiet bl-arbitraggi kontra r-rikorrenti li llum inghalqu.*

*9.22. Il-fatti dikjarati f`paragrafu 14 tar-rikors promotorju huma kontestati fis-sens li m`humiex korretti u MLS2 hija assistita minn konsulenti legali taghha ndipendenti.*

*10. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma promossi in mala fede u b`mod frivolu u vessatorju u jikkostitwixxu abbuz ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja.*

*11. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba tar-rikorrenti mhix ezegwibbli fil-konfront ta` Alpha.*

*12. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*13. Ghaldaqtant din l-Onorabbli qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha inkluzi dawk relattivi ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni nru. 2073/09.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kjamata fil-kawza.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

**Rat in-nota prezentata fl-udjenza tal-25 ta` April 2014 li permezz taghha kienet ceduta t-tieni talba tar-rikors guramentat.**

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri.

Rat ukoll id-diversi provvedimenti li nghataw fil-kors tal-kawza, inkluz dak tal-Qorti tal-Appell, u d-digriet fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz dawk tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Appell.

## II. Xhieda

**Nathalie Farrugia** mir-Registru tal-Kumpanniji xehdet illi l-kumpannija *offshore* 1330/T, li kienet qabel maghrufa bhala MLS Multi National Logistic Limited, u wara Alpha 22 Limited, kienet xjolta fid-9 ta` Ottubru 2003. L-istralcjarju ta` Alpha 22 Limited kien Asset Security Nominee Company Limited. L-istralcjarju ma pprezentax il-*financial statements* tal-likwidazzjoni tas-socjeta`.

Kompliet tghid illi l-kumpannija *onshore* MLS Multi National Logistic Services Limited giet inkorporata fit-22 ta` Settembru 2004. Din is-socjeta` ma pprezentatx il-*financial statements* taghha u ghalhekk qed tinkorri multi.

**Stefan Bonello Ghio** xehed illi huwa l-awditur ta` Alpha 22 Limited. Muri l-ftehim a fol 10 tal-process, huwa qal li jaf b`dak il-ftehim. Qal illi kien jaf bin-nomina li kellu ai termini tal-klawsola 3 ta` dan il-ftehim. Huwa qal li ma kienx ghamel l-istima li tghid il-klawsola 3. Ighid illi sar jaf bil-kuntratt fl-2005 ghalkemm ma jiftakarx id-data preciza. Fil-**kontroezami**, ikkonferma li l-istima baqghet ma saritx la fiz-zmien stipulat, lanqas qabel jew wara.

**Julian Kenny** xehed bil-procedura ta` l-affidavit.

Huwa qal li huwa *barrister*, kien ilu fil-professjoni mill-1998, u l-qasam fejn kien specjalizzat huwa d-dritt kummercjali, partikolarment arbitraggi internazzjonali u kummercjali.

Ighid illi kien avvicinat mill-konvenuti biex jaghti l-opinjoni legali tieghu dwar jekk hemmx prekluzjoni ghall-ezami tal-kontrotalba billi dik minhabba li hija *res judicata* skont il-ligi Ingliza, li kien infurmat illi kienet il-ligi applikabbli.

Ighid illi l-kontrotalba ma tkunx meqjusa *res judicata* jekk (i) ic-cirkostanzi prezenti jkunu differenti mic-cirkostanzi li kienu ezistenti fiz-zmien ta` l-arbitraggi u (ii) fic-cirkostanzi l-godda, l-intimati jkunu jistghu juru li n-nuqqas ta` *disclosure* ikkaguna jew jista` jikkaguna lilhom pregudizzju jew telf li ma kinux esposti ghalih qabel.

Jispjega illi fl-2005, MLS 2 u Alpha 22 marru ghal zewg arbitraggi : wiehed kontra Lonzar u Domar Srl ; u l-iehor kontra Akincioglu u Antmarin Inc. Ir-rikorrenti fl-arbitraggi kienu talbu li l-intimati jaghtuhom access ghal kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni rikjesta ghal awditjar u ghal ` *reconciliation* fiz-zmien ta` bejn 1 ta` Jannar 2000 u Awissu 2004. Fiz-zewg *awards* datati 22 ta` Settembru 2009 kienu michuda it-talbiet tar-rikorrenti peress li kien deciz li l-intimati kellhom obbligu li jaghtu dawn id-dokumenti u li l-intimati kienu qed jiksru tali obbligu, izda l-ebda rimedju ma kellu jinghata lir-rikorrenti, peress li r-rikorrenti kienu naqsu li jippruvaw x` telf u x`pregudizzju kienu garrbu ghal dak in-nuqqas ta` *disclosure* min-naha ta` l-intimati. Ir-rikorrenti kienu naqsu li jipprovaw li hlas ta` danni ma kinitx tammonta ghal rimedju adegwata filwaqt li l-ebda danni ma setghu jinghataw ghaliex l-applikanti naqsu li jippruvaw li n-nuqqas ta` l-intimati kkagunalhom danni.

Qal illi fil-kawza tal-lum Lonzar u Akincioglu qed jaghmlu *derivative action* kontra MLS 2 u l-istralcjarju ta` Alpha 22, ossija Asset Security Nominee Co Limited. Qed isostnu li Asset Security Nominee Co Ltd awtorizzat li assi tan-negozju ta` Alpha 22 jigu trasferiti lil MLS 2 minghajr l-ebda korrispettiv u dan bi pregudizzju ghal Alpha 22 u l-azzjonisti taghha. Fir-risposta ghal din il-kawza, tqajjmu hafna punti fosthom illi l-korrispettiv ma jistax isir peress li Lonzar u Akincioglu ma pprovdewx id-dokumenti necessarji u ghalhekk ma tistax issir *reconciliation* li hija mehtiega biex jigi determinat il-korrispettiv.

Spjega li MLS 2 u Asset Security Nominee Co Ltd ipprezentaw kontrotalba sostanzjalment identika ghal dik ta` l-arbitraggi fuq riferiti sabiex jinghataw access ghal informazzjoni u dokumentazzjoni necessarja ghal awditjar u *reconciliation.*

Ighid illi huwa kien mitlub ighid jekk il-kontrotalba hijiex *res judicata* in vista ta` l-*awards* arbitrali.

Ifisser illi fil-ligi Ingliza l-principju baziku huwa li ma hemmx *res judicata* jekk il-proceduri ta` wara jkunu fondati fuq cirkostanzi differenti. Huwa ccita lill-awturi *Spencer, Bower u Handley On Res Judicata.*

Kompla jghid li dak li kellu jigi stabbilit huwa jekk il-kontrotalba attwali hijiex imfassla fuq cirkostanzi differenti.

Huwa sostna li l-*claim for disclosure* fl-arbitraggi ma rnexxietx minhabba n-nuqqas ta` prova li tali *disclosure* kienet ikkagunat danni.

In konkluzjoni, sostna illi d-dottrina ta` *res judicata* tapplika fejn it-talba tkun imsejsa fuq cirkostanzi differenti. Din il-prova tispetta lil min qed jeccepixxi r-*res judicata.*

Fil-**kontroezami** huwa xehed illi kien moghti kopja taz-zewg *awards* u kopja ta` l-atti tal-procediment odjern. Ta` dawn tal-ahhar inghata traduzzjoni bl-Ingliz ghalkemm ma jafx min ghamel it-traduzzjoni. Ikkonferma li l-azzjoni saret bhala *derivative claim* tal-azzjonisti ta` Alpha 22 sabiex jinghataw danni u kumpens iehor in vista tat-trasferiment tan-negozju ta` Alpha 22 lil MLS 2. Qal illi skont il-ligi Ingliza, *res judicata* hija materja tal-*lex fori.* Sostna li ma kienx ghamel riferenza ghal gurisprudenza fl-affidavit tieghu ghaliex ma kienx hekk mitlub. Mistoqsi kif ma rreferiex ghad-decizjoni ta` *Henderson v. Henderson*, sostna li l-fatti ta` dan il-kaz huma differenti. Ighid illi kull ma ghamel hu kien illi espona l-principji izda l-applikazzjoni taghha trid issirr mill-Qorti. Mistoqsi dwar is-sentenza *Middle Railway Company v. Marin*, huwa sostna li l-opinjoni legali tieghu hija illi kwistjonijiet li kienu suggett ghal decizjoni precedenti ma jistghux jerga` jigu trattati izda fejn it-talba tkun imsejsa fuq cirkostanzi mibdula fejn xi haga tkun grat li tfisser li t-talba precedent ma kinitx tirnexxi izda t-talba sussegwenti kienet tirnexxi, il-principju ta` *res judicata* mhuwiex ostakolu ghal tali talba sussegwenti.

**III. <u>L-ewwel talba attrici</u>**

Fl-ewwel talba – li skont l-atturi hija msejsa fuq l-Art 1352(2) tal-Kap 16 – qieghed jintalab mill-Qorti li taghmel zewg hwejjeg : fl-ewwel lok li tiddikjara null u bla effett fil-ligi l-allegat "*Transfer of Business Agreement*" ("**<u>TBA</u>**") tal-31 ta` Dicembru 2004, u t-trasferiment tal-assi stralcjarji ta` MLS1 li allegatament sar fl-ahhar tal-2004 ; u fit-tieni lok li tiddikjara li dawn l-assi stralcjarji kollha ghadhom jappartjenu lill-assi stralcjarji ta` MLS1.

Tibda billi tosserva illi skont il-klawsola 3.2 ta` l-ftehim (fol 11) jinghad li : "*Transferee is hereby paying the said sum to Transferor who acknowledges receipt.*" Madanakollu jidher li hemm qbil li effettivament qatt ma ghadda l-ebda pagament stante li l-prezz baqa` qatt ma kien stabbilit skont il-klawsola 3.1 tal-ftehim li tghid : "*The consideration for the sale by the Transferor of the Business and the Assets shall be determined by the Auditor Mr Stefan Bonello Ghio within six months from the date of this agreement.*"

Diversi kienu l-eccezzjonijiet li kienu sollevati.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-**<u>hames eccezzjoni tal-konvenuti</u>** fejn kien eccepit illi l-atturi, li kienu ilhom jafu bit-trasferiment tan-negozju minn Alpha lil MLS-Multinational Logistic Services Ltd ("**<u>MLS2</u>**") sa minn Awissu 2004, kellhom kull opportunita` jipprezentaw kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni fil-kors ta` l-istralc, mhux kawza ghar-rexxissjoni tal-ftehim tal-31 ta` Dicembru 2004 fejn ma kienux parti u fejn ma kellhom l-ebda rabta legali ma` hadd mill-konvenuti.

Similment **<u>it-tielet eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza</u>** tittratta l-istess kwistjoni.

Kien ukoll eccepit fl-**<u>ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza</u>** illi Lonzar u Akincioglu m`ghandhomx locus standi sabiex jintavolaw din il-kawza stante li r-rappresentanza legali ta` Alpha 22 Limited (OS/1330/T) ("**<u>Alpha</u>**") giet vestita fis-socjeta` konvenuta Asset Security Nominee Co Ltd ("**<u>Asset</u>**") li kienet mahtura stralcjarju ta` Alpha. Ghalhekk l-atturi kienu prekluzi milli jintavolaw l-azzjoni fil-vesti personali taghhom

Allura l-pern tal-argument li qed igibu l-avversarji tal-atturi huwa li ladarba l-atturi ma kienux parti fit-TBA, dan tal-ahhar kien ghalihom *res inter alios acta* u kwindi kienet improponibbli l-azzjoni ta` impunjazzjoni li ressqu.

L-attur jippremettu l-atturi fit-tlettax (13)–il premessa tar-rikors guramentat illi din tal-lum hija **l-azzjoni derivattiva**.

L-atturi qeghdin jagixxu fil-vesti taghhom personali bhala azzjonisti bejniethom ta` 18% tal-ishma ta` Alpha 22 Limited, qabel maghrufa bhala MLS-Multinational Logistic Services Limited.

Kemm it-tielet eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza kif ukoll il-hames eccezzjoni tal-konvenuti jirreferu ghal punt krucjali u cioe` illi l-atturi, konsapevoli kif kienu tat-trasferiment tan-negozju, kellhom rimedji alternattivi minflok jezercitaw din l-azzjoni ta` rexissjoni.

Jirrizulta li Alpha 22 Limited, gia` MLS Multinational Logistic Services Limited, kienet kostitwita skont l-Att XXXIV tal-1988. L-Art 27 tal-Att ighid :-

*The Commercial Partnerships Ordinance 1962 (hereinafter in this section referred to as "the Ordinance") shall, with respect to an offshore company, have effect subject to the following provisions of this section as applied either generally or to a particular or to particular types of offshore companies and for the purpose of this section the expression "offshore company" includes a company in formation which when registered under this Act will be an offshorc company.*

Il-kawza fl-ismijiet "**Bonnici Cachia noe vs Agius et noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1991 kienet tittratta azzjoni fejn l-attur ipprova jimpunja bejgh ta` oggetti mobbli. Il-Qorti ta` l-Appell qalet illi sabiex tigi ezercitata l-azzjoni maghrufa bhala d-*derivative action*, l-attur ikun irid qabel xejn jissodisfa l-Qorti li ma kellux rimedji ohrajn jew, jekk kellu, dawn kienu esawriti.

**Ir-regim tad-dritt fiz-zmien ta` dik il-kawza kien l-Ordinanza, mhux il-Kap 386 fejn illum hemm disposizzjoni *ad hoc* li tirregola kif l-azzjoni derivattiva tista` tigi ezercitata.**

Saret riferenza ghal "*Bonnici Cachia noe vs Agius et noe*" fis-sentenza *in parte* li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fl-24 ta` April 2003 fil-kawza "**Mixkuka Limited v. George Mangion pro et noe et**" esebita a fol 49 et seq tal-process ta` din il-kawza. Kien inghad hekk :-

*Illi jidher li kwestjonijiet ta` din l-ghamla qamu wkoll quddiem il-Qrati taghna, li jidhru li qiesu li azzjoni bhal din tista` ssir fis-sistema legali Malti. F`kazijiet li tnisslu qabel ma dahal fis-sehh l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, kien maghruf li biex tista` titmexxa `l quddiem l-azzjoni derivattiva l-attur ried juri, qabel kull haga ohra ghas-sudisfazzjon tal-Qorti, li ma kellux rimedji ohrajn x`jiehu jew li, jekk kellu, ezawrihom inutilment App. Civ.* ***6.11.1991*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Bonnici Cachia noe vs Agius et noe*** *(Kollez. Vol:* ***LXXV.ii.571)*** **.** *F`kawzi li saru wara, gie accettat li azzjonista jista`, f`cirkostanzi eccezzjonali, ikollu dritt li jiftah kawza biex ihares l-interessi tal-kumpannija li fiha jkollu sehem, ukoll jekk azzjoni bhalha hija normalment tal-kumpannija: u li, f`kaz bhal dan, jista` jharrek fil-vesti personali tieghu ta` azzjonist lill-istess kumpannija li fiha huwa membru (Ara App.Civ.* ***31.7.1996*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Pace pro et noe vs Bonello pro et*** *(Kollez. Vol:* ***LXXX.ii.849)*** *. Fil-kazijiet kollha, tqies li l-azzjoni derivattiva kienet wahda ta` natura partikolari, u ghalhekk kienu japplikaw ghaliha regoli mfasslin ghan-natura eccezzjonali taghha.*

Andrew Muscat jaghmel din l-osservazzjoni fil-pag 891 ta` l-"**Principles of Maltese Company Law**" :-

*It should be noted that a court will not however allow the derivative action to proceed if another adequate remedy is available or if it was brought for an ulterior purpose.*

Jirreferi ghad-decizjoni Ingliza "***Barrett vs Duckett***" (1995) 1 BCLC 243 (C.A.) u jghid :-

*In this case, the opportunity to put the company into liquidation provided, on the facts, an alternative remedy to the derivative action. Moreover, the plaintiff was deemed not to have pursued the action bona fide in*

*the interests of the company but was pursuing it for personal reasons associated with the divorce of her daughter from the defendant.*

Fl-*All England Law Reports* sar dan il-kumment :-

*When a challenge was made to the right, claimed by a shareholder, to bring a derivative action on behalf of a company, it was the court`s duty to decide, as a preliminary issue, whether the plaintiff should be allowed to sue in that capacity. In so deciding, it was not enough for the court to say there was no plain and obvious case for striking out; it was for the shareholder to establish to the court`s satisfaction that he should be allowed to sue on behalf of the company.*

*The shareholder must be bringing the derivative action bona fide for the benefit of the company and in respect of wrongs done to the company for which no other remedy was available.*

*If the action was being brought for an ulterior purpose, or if another adequate remedy was available, the court would not allow the derivative action to proceed.*

Fid-decizjoni "***Airey v Cordell***" (2006) kien iccarat illi :-

*The appropriate test for permission to bring a derivative claim was the view of a hypothetical and independent board of directors, and a court had not to assert its own view but merely be satisfied that such a board could take the decision that the minority shareholder applying for permission to proceed would like it to take.*

Inghad ukoll illi :

*It had to first be established that there was a prima facie case and that an exception to the principle in Foss v Harbottle 67 ER 189 applied, then the correct test to apply in deciding whether to allow permission for a derivative claim was that of the independent board. The availability of an alternative remedy for the minority shareholder would also be of some significance, Foss v Harbottle, Wallersteiner v Moir (No2) (1975) QB 373 and Prudential Assurance Co Ltd v Newman Industries Ltd (No2) (1982) Ch 204 considered. In the instant case, it was accepted that there was a prima facie case and an exception to the Foss v Harbottle principle applied. The dividing line between what majority shareholders could condone and ratify and what they could not*

*was not easy to draw. The appropriate test was the view of a hypothetical and independent board of directors, and a court had not to assert its own view but merely be satisfied that such a board could take the decision that the minority shareholder applying for permission to proceed would like it to take. On the facts of the instant case it could not be said that no reasonable board would pursue D by litigation. It was appropriate to allow a period of time for D to put forward a further proposal to see if the parties could reach agreement. If the court was then satisfied that such a proposal would afford R adequate protection he should not be allowed to proceed with the derivative claim.*

Meta nigu ghall-fatti ta` din il-kawza, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba meta giet iffurmata l-kumpannija, l-Att XXXIV tal-1988 kien jistipola li l-ligi applikabbli hija bhala regola generali l-Kap 168 u cioe` l-Ordinanza ghandha tapplika r-regola appena citata li jrid jintwera li l-atturi ma kellhomx jew kienu ezawrew kull rimedju li kellhom.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li l-atturi ma kellhomx rimedji ohra ghad-disposizzjoni taghhom. Setghet ittiehdet azzjoni sabiex il-Qorti tirregola l-operat tal-perit komputista bl-imposizzjoni ta` termini stretti sabiex jistabilixxi l-prezz ta` bejgh, u fin-nuqqas illi tinnomina hi perit komputista ghal dak l-iskop. Setghet saret kawza ghad-danni stante li ma kienx stabbilit il-prezz fiz-zmien miftiehem. Inoltre ladarba s-socjeta` kienet fi stralc setghu ttiehdu proceduri kontra l-istralcjarju sabiex jigi stabbilit il-prezz. Minn dan kollu ma sar xejn. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li l-atturi ezawrew ir-rimedji li kellhom.

Tajjeb jinghad illi l-lanjanza tal-atturi hija bbazata fuq il-fatt li ma kien qatt stabbilit prezz ghad-detriment u pregudizzju ta` Alpha. It-talbiet huma fondati fuq dan il-fatt. Ma sarux talbiet fis-sens li kien hemm xi qerq ipperpetrat wara it-TBA u in vista ta` dak, il-ftehim kellu jigi dikjarat null. Hemm accenn illi it-TBA sar biex is-socjeta` konvenuta takkwista b`xejn assi stralcjarji ta` Alpha ghad-detriment tal-istess, izda t-talba saret biss biex it-TBA jigi dikjarat null u bla effett in vista tal-Art 1353(2) tal-Kodici Civili.

Il-Qorti tinsisti li kif dedotta t-talba attrici ma kenitx ir-rimedju opportun li kellu jigi invokat.

In parentesi jinghad ukoll li fil-kawza ***Iesini and Other v Westrip Holdings Limited and Others [2009] EWHC 2526 (Ch), [2011] 1 BCLC 498, [2010] BCC 420*** inghad illi :

*Where the claimant brings a derivative claim for the benefit of the company, he will not be disqualified from doing so if there are other benefits which he will derive from the claim. However, in relation to the rescission claim a person may be prevented from bringing a derivative claim if he participated in the wrong of which he complains.*

Fil-paragrafu 13.7 tar-risposta **guramentata** tal-konvenuti, jinghad illi l-atturi kienu hadu sehem fil-laqgha generali ta` Alpha li saret f` Awissu 2004 fi Zurich, fid-diskussjoni dwar l-istat ta` Alpha u li din kienet sejra lejn stralc b`mod imminenti. Fil-laqgha, l-atturi kienu vvutaw favur sensiela ta` decizjonijiet dwar il-futur ta` Alpha, l-istralc taghha, u l-kwistjoni tat-trasferiment tan-negozju bit-TBA. Abbozz tat-TBA kien diskuss u approvat b`mod unanimu mil-laqgha generali tal-azzjonisti. Ladarba l-atturi stess kienu nvoluti fid-decizjoni tat-TBA, l-azzjoni taghhom hija mproponibbli.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, punt iehor li jimmilita kontra l-azzjoni tal-atturi u li jista` wkoll jinkwadra ruhu fil-kuntest ta` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza huwa li r-regola ewlenija hija illi azzjoni ta` din ix-xorta ma tistax titressaq fil-konfront ta` kumpannija fil-process ta` stralc.

**Andrew Muscat** (op. cit) (fol. 891) isostni illi :

*"It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation."*

U jirreferi ghal *Palmers` Company Law (*24th ed. 1987) pag 977 u *Gower and Davies` Principles of Modern Company Law* (7th ed, 2003) pag 445.

Muscat jaghmel referenza ukoll ghas-sentenzi ***Ferguson vs Wallbridge*** (1935) 3 D.L.R. 66 (P.C.) kif ukoll ***Fargro Ltd vs Godfroy*** (1986) 1 W.L.R. 1134.

Ta` l-istess portata huwa dak riportat fil-"**Company Law** (OUP – pag 211) fejn **Alan Dignam u John Lowry** jispjegaw li :

*Where a company goes into liquidation the court will not allow a derivative action to be brought or continued because the liquidator then has the statutory power to litigate in the company`s name (Insolvency Act 1986, S 165(3), S 167(1) and Sch 4 para 4). The position was succinctly stated by Wlaton J in Fargro ltd vs Godfory (1986) :*

*"But once the company goes into liquidation, the situation is completely changed, because one no longer has a board or indeed a shareholders` meeting, which is in any sens in control of the activities of the company of any description, let alone its litigation. Here what has happened is that the liquidator is now the person in whom that right is vested."*

*See also Cinematic Finance Ltd vs Ryder para 10.4)*

*The rationale for this is clear. Once a company goes into liquidation, the liquidator takes control of the company`s affairs. If the liquidator refuses to initiate litigation, a shareholder may apply to the court for an order directing the liquidator to sue or an order permitting the shareholders to bring proceedings in the name of the company (Fargro Ltd v Godfroy 1986). Before granting such an order, the Court must be convinced either that the liquidator exercised his discretion mala fides or that he came to decision to which no reasonable liquidator would have come. (Leon v York-O-Matic Ltd) 1966).*

Din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt fid-decizjoni tal-5 ta` Frar 2015 fl-Ewwel Istanza tal-kawza "**Mixkuka Limited vs George Mangion pro et noe et**" il-Qorti kienet tal-fehma li c-cirkostanzi partikolarissimi ta` dak il-kaz, fejn l-allegat "*wrongdoer*" huwa l-istess stralcjarju li fil-ligi hu "*in control*" iwasslu ghat-tixlif ta` l-principju fuq riferit. Fl-istess waqt il-Qorti trid tghid illi s-sentenza ma tikkostitwix *res judicata* billi ma appell minnha.

Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-awturi fuq citati illi fil-kaz ta` kumpannija li tkun ghaddejja minn stralc, l-azzjoni bhal dik attrici hija mproponibbli.

**Il-Qorti ssib l-atturi m`ghandhomx *locus standi.* Ghalhekk sejra tilqa` l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, u l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza. Konsegwentement sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawza u tichad l-ewwel talba attrici.**

**IV. <u>It-tieni talba</u>**

**Il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba billi din kienet ceduta mill-atturi fl-udjenza tal-25 ta` April 2014.**

**IV. <u>Il-kontrotalba</u>**

**a) <u>L-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni</u>**

Fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom, il-partijiet m`ghamlux referenza ghal din l-eccezzjoni.

L-eccezzjoni nghatat *in limine litis* u baqghet ma gietx rinunzjata.

Ghalhekk il-Qorti sejra taghti decizjoni dwar din l-eccezzjoni f`dan l-istadju billi fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2010 kien hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-Qorti taghti sentenza wahda dwqar it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha.

Dwar l-eccezzjoni ma tressqu l-ebda provi.

Infatti ghalkemm fil-konfront ta` l-attur Hasan Akincioglu inghad fl-eccezzjoni illi dan huwa residenti u domiciljat barra mill-UE, u li skont l-Art 742 tal-Kap 12, ma kienx bazi ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta` dawn il-Gzejjer, u ghalkemm fil-konfront ta` Giampaolo Lonzar inghad fl-eccezzjoni li japplika l-Art 2 tal-EC Regulation 44/2001 li jaghti fil-kaz tieghu gurisdizzjoni esklussiva lill-Qorti tad-domicilju tieghu, ma tressqet l-ebda prova dwar ir-residenza u d-domicilju ta` l-atturi.

Huwa inutili ghall-Qorti li taghmel ezami tad-disposizzjonijiet citati fl-eccezzjoni meta ma tressqet l-ebda prova b`xiehda jew dokumenti ta` dak li kien qed jigi eccepit.

**Il-Qorti sejra <u>tichad</u> l-eccezzjoni.**

**b)** **<u>L-eccezzjoni tar-*res judicata*</u>**

Jinghad mill-atturi illi t-talbiet rikonvenzjonali huma soggetti ghal klawsola arbitrali esklussiva.

Ighidu li l-istess talbiet li saru fil-kawza tal-lum saru wkoll fi proceduri ta` arbitragg internazzjoni bin-nru 829 u 830 tal-2005 fejn l-istess talbiet kienu gew trattati u decizi bir-rigett tat-talbiet fil-lodo tat-22 ta` Settembru 2009.

Fil-fehma ta` l-Qorti, din l-eccezzjoni ghandha tkun deciza skont il-*lex fori*. Hekk jahsbuha l-partijiet ukoll kif jirrizulta min-noti ta` l-osservazzjonijiet taghhom, fejn tajjeb jinghad illi l-istitut ta` *res judicata* huwa soggett ghal-*lex fori* skont in-normi tad-dritt internazzjonali privat li jaccetta propju illi materji ta` procedura jigu regolati skont il-*lex fori*.

Ladarba l-*lex fori* fil-kaz tal-lum hija dik Maltija, tajjeb jinghad illi sabiex tapplika *res judicata*, iridu jissussistu tliet rekwiziti u cioe` : a) *eadem res*, b) *eadem causa petendi* u c) *eadem personae*.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri</u>**" li giet ikkonfermata anki mill-Qorti ta` l-Appell (Il-Qorti ta` l-Appell tat id-decizjoni taghha fl-10 ta` Ottubru 2003).

Analizi ta` **<u>l-element *eadem res*</u>** saret fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) tad-9 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**<u>Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd</u>**". Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mertu tat-talba l-gdida jkun identiku ghat-talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga **<u>differenti</u>** ghal dak li kien intalab b`talba precedenti li giet determinata

b`sentenza ta` qabel. Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett ta` talba l-gdida hu **simili** ghal dak ta` decizjoni precedenti, **izda mhux identiku**, is-similarita` mhijiex ostakolu ghat talba gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkunu ressqu l-partijiet u ddecidew il-Qrati. Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta` kif ghandha tigi determinata l-identita` ta` l-oggett jidher illi l-ahjar metodu hu li l-Qorti tezamina jekk il-kwistjoni li titressaq fit-talbiet attrici tkunx giet jew le deciza fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati fis-sentenza l-ohra jew jekk baqghu mhux decizi. Jekk il-kwistjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.

**L-element *eadem causa petendi*** jirrikjedi li *"the cause of the claim"* fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based".* Sabiex jirrizulta l-element, irid jigi ppruvat li l-kawzali tat-talba l-gdida tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti u li giet determinata b`sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta` motivi tal-*causa petendi.*

**L-element *eadem personae*** kien trattat fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-kawza "**Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et**" fejn inghad :-

*L-element tal-identita` tal-persuni, huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih.*

It-tlett elementi huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk nieqes imqar wiehed minnhom, taqa` l-eccezzjoni.

Inghad ukoll illi *res judicata* ghandha applikazzjoni restrittiva. Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby**" kien rilevat illi :-

*Il-fundament ta` l-`actio` u ta` l-`exceptio judicati` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`.Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-*

*istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat.*

*Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel ... Fid-dubju l-Imhallef m'ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat."*

Huwa pacifiku illi *"fejn dispositiv ta' sentenza jkun sempliciment jikkonsisti f' liberazzjoni 'ab observantia' ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwestjoni tista' tigi riproposta'ex novo."* (Qorti tal-Appell : 10 ta' Marzu 2004 : "**Joseph Aquilina et noe v. Charles Camilleri**) ghaliex kif kien ritenut fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Dicembru 1884 fil-kawza "**Negte. Nicola Mifsud ed altri v. Comte. Paolo Albanese**" *"e' positivo che la sentenza liberatoria dell'osservanza del giudizio non sia definitiva in merito e nulla osta perche' le stesse domande siano riproposte."*

Finalment u rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza kien stabbilit illi *res judicata* tigi eccepita b'success jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. Jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba (sentenza tal-Qorti ta' l-Appeal (Inferjuri) tas-6 ta' April 2005 fil-kawza "**Joseph Difesa v. L-Awtortita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**")

Fl-istess sens kien deciz minn din il-Qorti (**PA/LSO**) fl-20 ta' Jannar 2016 fil-kawza "**Vella Estates Limited v. Raymond Azzopardi et**". Infatti nghad :-

*Fil-kaz fl-ismijiet "**Joseph Portelli vs Joseph Stellini et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta'Ottubru 2015) il-Qorti tal-Appell tirreferi ghal kaz **Giuseppe Mizzi et vs Joseph Sacco** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, li ssemmi li jekk cirkostanzi godda jkunu ssopravenew, leccezjoni*

*tal-gudikat ma tregix. Madanakollu biex din leccezzjoni treggi "Il-res tal-haga allura ma jibqax l-istess kif meta giet deciza l-ewwel kawza." B`dik is-sentenza l-Qorti rrespingiet l-eccezzjoni ta` res judicata billi kkonsidrat li ittieni azzjoni kienet ibbazata fuq cirkostanzi godda li ma kienux jezistu qabel ma inghatat l-ewwel sentenza. Hekk ukoll kien gi deciz fil-kaz* ***Angelo Bartolo vs Concetta Lautier,*** *Appell deciz fid-29 ta` April 1966. Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta` qabel ma titqiesx ta` ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. (Ara wkoll* ***Peter Paul Muscat vs Giuseppe Muscat*** *Appell deciz fit-30 ta` Gunju 1969).*

Dan huwa in linea ma` dak li xehed l-espert Julian Kenny fil-kawza tal-lum dwar il-ligi Ingliza, u cioe` li *"it is a basic principle of English law that there is no res judicata where subsequent proceedings are based on changed circumstances."*

Ghalhekk anke l-iskambju li kien dibattut bejn il-kontendenti dwar liema ligi ghandha tigi applikata mill-Qorti kien kemmxejn inutli, kwazi kwazi bla rilevanza, ladarba r-regoli ta` *res judicata* fil-ligi taghna u dik Ingliza huma simili.

In kwantu ghall-provi tal-eccezzjoni, din il-Qorti tirrileva illi fl-atti tal-kawza ma gewx esebiti l-lodo tat-22 ta` Settembru 2009 relatat ma` l-arbitragg internazzjonali nru 829 kif ukoll lanqas il-lodo relatat ma` l-arbitragg internazzjonali nru 830 tal-2005. L-unici ezebiti kienu l-*statements of claim* a fol 363 et seq. Dan premess jinghad ukoll illi l-lodo taz-zewg arbitraggi seta` jigi kostatat fid-decizjonijiet tal-Qorti ta` l-Appell a fol 292 et seq billi ta` dan il-process, billi fis-sentenzi l-lodo taz-zewg arbitraggi kienu riprodotti testwalment.

Mill-*statements of claim* jirrizulta li l-istess talbiet li saru fl-arbitraggi, rega` kienu prezentati quddiem din il-Qorti fil-kawza tal-lum. Fl-procedimenti arbitrali kienu dettaljatament trattati dawn it-talbiet. Din il-Qorti tinsab sodisfatta minn ezami tal-*statements of claims* u lodo relattivi illi li dak li ntalab fil-kawza tal-lum huwa identiku ghal dak tal-proceduri ta` arbitragg, kemm ghal dak li huwa suggett, natura tal-kawza u persuni nvoluti.

L-element ta` *eadem personae* jissussisti. Il-fatt li l-arbitraggi gew istitwiti mhux biss kontra l-atturi odjerni izda wkoll kontra l-kumpanniji

rispettivi taghhom Antmarin Inc u Domar Slr ma huwa ta` ebda rilevanza, ghax kemm f` dawk l-arbitraggi u kemm fil-kontrotalba, Lonzar u Akingioglu baqghu l-istess. Kulma sehh kien li fil-kawza tal-lum, minhabba ragunijiet ovvji konnessi mal-parametri ta` kif tista` ssir kontrotalba, ma gewx inkluzi wkoll z-zewg kumpanniji rispettivi ta` Lonzar u Akingioglu. Anke l-fatt li minflok Alpha 22 Limited, dahlet Asset Security Nominee Co Ltd bhala stralcjarja ta` l-istess Alpha 22 Limited u iktar tard giet kjamata l-istess Alpha 22 Limited, ma jbiddel propju xejn mis-sussistenza ta` l-element ta` *eadem personae.*

L-element *eadem res* huwa ukoll sodisfatt ghax il-kontrotalba tittratta l-istess ftehim ta` agenzija li kienu l-mertu tal-arbitaggi. It-talbiet u r-rimedju mitlub huma identici.

Ghar-rigward ta` l-element ta` *eadem petendi*, din il-Qorti tinnota mhux biss li t-talbiet huma l-istess, izda l-premessi huma *in gran parte* identici ukoll. Fil-fatt il-kontrotalba tista` tghid li hija traduzzjoni ghall-Malti tal-*statements of claim* fil-proceduri ta` arbitragg.

Ir-realta` li l-elementi ta` din il-kawza huma identici ghal dawk tal-arbitraggi hija ammessa mill-espert legali mressaq mis-socjetajiet konvenuti li sostna li l-arbitraggi kienu *claim for disclosure* izda li kienu fallew minhabba li ma saritx prova li *their agents` failure to provide disclosure had caused them any loss.* Ghalhekk l-istess espert legali sostna li fiz-zmien li sehhew l-arbitraggi, ma kienx ghad hemm it-talba attrici li hawn fil-kaz tal-lum u ghalhekk *it would be fair to say that Mr Lonzar and Mr Akincioglu`s claim in these proceedings is a new circumstance.* Pero` sostna wkoll illi f`din il-kawza l-konvenuti "*were able to say that, as a result of those new circumstances, they have suffered or will suffer, a loss to which they were not previously exposed (for instance due to an inability to finalise accounts without that disclosure) then their counterclaim would not be barred by res judicata.*"

Dawn il-punti kollha juru li kienet haga ovvja kemm ghall-konvenuti kif ukoll ghall-espert legali minnhom inkarikat li t-talbiet rikonvenzjonali kienu identici ghat-talbiet li saru fl-arbitraggi. Tant hu hekk li l-ghan tal-prova li ressqu kienet li jikkonvincu lil din il-Qorti li kienu jezistu cirkostanzi godda u li ghalhekk ma tapplikax l-eccezzjoni tal-*res judicata.* Cio` nonostante din il-qorti lid an kien tentattiv sfurzat ma rnexxielux jikkonvinciha illi din il-kawza giet imsejsa fuq cirkostanzi godda. Minn qari

tal-kontrotalba, minn imkien ma jsir imqar accenn ghall-argument li ressaq l-espert legali u li ressqu l-konvenuti fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, fis-sens li t-talba ghad-dokumenti hija rikjesta sabiex ikun jista` jsir ezercizzju ta` rikonciljazzjoni maghhom u konsegwentement Alpha 22 Limited tikkonkludi l-kontabilita` taghha u jinhadem valur taghha u jigi hekk ikkalkolat il-prezz ghal finijiet ta` l-ftehim tal-31 ta` Dicembru 2004. Fil-premessi, ma sar l-ebda accenn ghal dan il-punt, izda sempliciment saret enfazi fuq il-fatt li kien hemm kuntratti ta` agenzija bejn il-partijiet u li din it-talba kienet qed issir sabiex tkun tista` ssir rikonciljazzjoni ai termini ta` dawn il-kuntratti ta` agenzija rigwardanti servizzi marittimi. Infatti, gie sottolinjat fil-premessa numru 12 illi huwa principju stabbilit u kardinali tar-rapport bejn l-agent u l-principal tieghu li jinghata rendikont tax-xoghol u ta` l-ispiza li l-agent ikun nefaq ghan-nom tieghu. Din il-Qorti assolutament ma tarax li kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi li jrendi l-eccezzjoni ta` *res judicata* inapplikabbli. Inoltre, minn qari tal-lodo ta' l-arbitraggi in kwistjoni (hekk kif rapportat fis-sentenzi ezebiti a fol 292 et seq) jidher li l-iskrittura tal-31 ta' Dicembru 2004 giet ikkunsidrata wkoll bhala prova. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija konvinta illi l-konvenuti kienu qeghdin jipprovaw jsibu opportunita` biex jibdlu dak deciz fl-arbitraggi bit-tama li din id-darba, jirnexxielhom jiehdu dak li riedu, tentattiv li din il-Qorti qeghda tirrigetta.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni ta` res judicata.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-hames eccezzjoni tal-konvenuti.**

**Tastjeni milli tiehu eccezzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamata fil-kawza.**

Tichad l-ewwel talba tal-atturi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-atturi billi din kienet ceduta fil-mori tal-kawza.

Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.

Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-atturi ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-atturi ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali kollha.

Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza safejn dawn huma relatati mat-talbiet attrici u mal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawza ghal dawk it-talbiet.

Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez tal-kawza safejn dawn huma relatati mat-talbiet rikonvenzjonali taghhom u mal-eccezzjonijiet tal-atturi ghal dawk it-talbiet rikonvenzjonali.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur